IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.4.2020
COM(2020) 173 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Aġġustament tekniku fir-rigward tal-istrumenti speċjali għall-2020 (l-Artikolu 6(1)(e) u (f) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (ir-Regolament dwar il-QFP) għas-snin 2014-2020 kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017[1] u aġġustat kif muri fil-Komunikazzjoni dwar l-aġġustament tekniku għall-2020[2], jinkludi t-tabella tal-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2020, espressa fi prezzijiet tal-2011 (it-Tabella 1).

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-QFP, ta' kull sena, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, il-Kummissjoni tagħmel aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) skont iċ-ċaqliq fl-introjtu nazzjonali gross (ING) u l-prezzijiet tal-UE, u tikkomunika r-riżultati lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. L-aġġustament tal-limiti massimi skont l-Artikolu 6(1) sar fl-aġġustament tekniku għall-2020 f'Mejju 2019 u abbażi tal-Artikolu 6(4) mhuwiex qed jiġi aġġornat.

Il-Komunikazzjoni dwar l-aġġustament tekniku għall-2020 indikat id-disponibbiltà tal-istrumenti speċjali għas-snin 2019 u 2020 f'konformità mal-Artikolu 6(1)(e) u (f) tar-Regolament dwar il-QFP għad-disponibbiltà tal-Marġni globali għall-impenji u tal-Istrument ta' Flessibbiltà rispettivament kif kien magħruf fir-rebbiegħa tal-2019. L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jiġu ppreżentati lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, id-disponibbiltajiet addizzjonali tal-istrumenti speċjali f'konformità mal-Artikolu 6(1)(e) u (f) tar-Regolament dwar il-QFP għall-Marġni globali għall-impenji u għall-Istrument ta' flessibbiltà rispettivament għas-sena 2020, li saru disponibbli fi tmiem l-2019.

Għal skopijiet ta' informazzjoni, il-Komunikazzjoni qed turi wkoll l-ammonti disponibbli tal-istrumenti speċjali kollha u l-użu tagħhom mill-2014 'il quddiem.

2. MARĠNI GLOBALI GĦALL-PAGAMENTI (MGP)

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-limitu massimu 'l fuq għall-pagamenti għas-snin 2015-2020 b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu għall-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1. Kull aġġustament 'il fuq għandu jitpaċa kollu bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu għall-pagamenti għas-sena n-1, fi prezzijiet kostanti tal-2011.

Ma sar l-ebda kalkolu mill-ġdid tal-MGP għall-2020 billi l-livell limitu stabbilit mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-QFP intlaħaq fl-aġġustament tekniku għall-2020 li ġie adottat f'Mejju 2019.

3. STRUMENTI SPEĊJALI

Hemm għadd ta' strumenti li huma disponibbli barra mil-limiti massimi tan-nefqa miftiehma fil-qafas finanzjarju għall-2014-2020. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jipprovdu rispons rapidu għal avvenimenti eċċezzjonali jew mhux previsti, u jipprovdu, sa ċerti limiti, daqsxejn ta' flessibbiltà lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa miftiehma.

---

1 ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1.

2 COM(2019) 310 final ta' 15.05.2019.

3.1. Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR)

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-QFP emendat, *ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza* tista' tiġi mobilizzata sal-ammont massimu ta' EUR 300 miljun fis-sena bil-prezzijiet tal-2011, jew EUR 358,5 miljun fi prezzijiet kurrenti għall-2020 (EUR 2 301,4 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-parti tal-ammont mhux użat tas-sena preċedenti tista' tiġi riportata għas-sena ta' wara. Ir-riporti mill-2019 għall-2020 jammontaw għal EUR 45,6 miljun.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu annwali tal-EAR mill-2014 'il quddiem:

Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza								
								Miljuni ta' EUR
	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
L-ammonti annwali fi prezzijiet tal-2011	280	280	280	300	300	300	300	**2 040**
L-ammonti annwali fi prezzijiet kurrenti	297,0	303,0	309,0	337,8	344,6	351,5	358,5	**2 301,4**
Riportati mis-sena preċedenti	0,0	198,9	219,4	98,6	61,7	34,1	45,6	
Użu annwali	98,1	282,5	429,8	374,7	372,2	340,0		**1 897,3**
Riportati għas-sena ta' wara	198,9	219,4	98,6	61,7	34,1	45,6		
Skaduti	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*		***0,0***

3.2. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-QFP, *il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE* jista' jiġi mobilizzat sa ammont massimu ta' EUR 500 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 597,5 miljun fl-2020 fi prezzijiet kurrenti (EUR 3 944,7 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-parti tal-ammont mhux użat tas-sena preċedenti tista' tiġi riportata għas-sena ta' wara. Ir-riporti mill-2019 għall-2020 ammontaw għal EUR 553,0 miljun. L-ebda ammont ma skada fi tmiem l-2019.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu annwali tal-FSUE mill-2014 'l quddiem:

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea								
								Miljuni ta' EUR
	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
L-ammonti annwali fi prezzijiet tal-2011	500	500	500	500	500	500	500	**3 500**
L-ammonti annwali fi prezzijiet kurrenti	530,6	541,2	552,0	563,1	574,3	585,8	597,5	**3 944,7**
Riportati mis-sena preċedenti	0,0	403,9	541,2	552,0	140,8	265,3	553,0	
Frontloaded mis-sena ta' wara	0,0	0,0	0,0	294,0	-294,0	0,0	0,0	
Użu annwali	126,7	82,8	33,1	1 268,3	155,9	298,1		**1 964,9**
Riportati għas-sena ta' wara	403,9	541,2	552,0	140,8	265,3	553,0		
Skaduti	*0,0*	*321,1*	*508,1*	*0,0*	*0,0*	*0,0*		***829,2***

3.3. L-Istrument ta' Flessibbiltà

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-QFP emendat, *l-Istrument ta' Flessibbiltà* jista' jiġi mobilizzat sa ammont annwali massimu ta' EUR 600 miljun fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 717-il miljun fl-2020 fi prezzijiet kurrenti (EUR 4 315-il miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-porzjon tal-ammonti annwali mhux użati tat-tliet snin preċedenti jista' jiġi riportat.

Skont l-Artikolu 6(1)f li jirreferi għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) *kull sena, mill-2017 'il quddiem, l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied* bl-ammonti ekwivalenti għall-porzjon tal-ammont annwali għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li skadew fis-sena ta' qabel.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà mill-2014 'il quddiem:

L-Istrument ta' Flessibbiltà								
								Miljuni ta' EUR
	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
L-ammonti annwali fi prezzijiet tal-2011	471	471	471	600	600	600	600	**3 813**
L-ammonti annwali fi prezzijiet kurrenti	500	510	520	676	689	703	717	**4 315**
Riportati mis-sena preċedenti	276,0	686,7	1010,0	0,0	517,0	519,8	202,4	
Miżjuda bl-ammont skadut tal-FEG				*138*	*151*	*144*	*175*	***608***
Miżjuda bl-ammont skadut tal-FSUE				*508*	*0*	*0*	*0*	***508***
Użu annwali	89,3	149,4	1 530,0	805,0	837,2	1 164,3	778,1	**5 353,4**
Riportati għas-sena ta' wara	686,7	1 010,0	0,0	517,0	519,8	202,4	0,0	
Disponibbli	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	316,3	**316,3**
Skaduti	*0,0*	*37,2*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	***37,2***

3.4. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-QFP, *il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni* jista' jiġi mobilizzat sa massimu ta' EUR 150 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 179,3 miljun fl-2020 fi prezzijiet kurrenti (EUR 1 183,4 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Ammonti mhux użati mis-snin ta' qabel ma jistgħux jiġu riportati. L-ammont ta' EUR 175,1 miljun li skada fi tmiem l-2019 jintuża sabiex jiżdied l-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2020.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu annwali tal-FEG mill-2014 'il quddiem:

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni								
								Miljuni ta' EUR
	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
L-ammonti annwali fi prezzijiet tal-2011	150	150	150	150	150	150	150	**1 050**
L-ammonti annwali fi prezzijiet kurrenti	159,2	162,4	165,6	168,9	172,3	175,7	179,3	**1 183,4**
Użu annwali	81,0	43,4	28,0	18,1	28,0	0,6		**199,1**
Skaduti	*78,2*	*119,0*	*137,6*	*150,8*	*144,3*	*175,1*		***629,9***

3.5. Il-Marġni ta' Kontinġenza

Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-QFP, Marġni ta' Kontinġenza sa 0,03 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni għandu jiġi kkostitwit barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2020.

L-ammont assolut tal-Marġni ta' Kontinġenza għas-sena 2020 huwa ta' EUR 5 096,8 miljun, kif stabbilit fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2020 adottat f'Mejju 2019.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu annwali tal-Marġni ta' Kontinġenza mill-2014 'il quddiem:

Il-Marġni ta' Kontinġenza								
								Miljuni ta' EUR
	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**Total**
Ammonti annwali disponibbli	4 026,7	4 175,4	4 438,2	4 496,8	4 711,3	4 946,7	5 096,8	**31 892**
Użu annwali								
F'impenji	0,0	0,0	240,1	1 906,2	0,0	0,0	0,0	**2 146,3**
F'pagamenti	2 818,2	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	**2 818,2**
Tpaċija annwali								
F'impenji	0,0	0,0	-240,1	-1 082,3	-318,0	-253,9	-252,0	**-2 146,3**
F'pagamenti	0,0	0,0	0,0	-2 818,2	0,0	0,0	0,0	**-2 818,2**

3.6. Marġni globali għal impenji għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażagħ, u għall-migrazzjoni u miżuri ta' sigurtà (MGI)

Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-QFP, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2017/1123, il-marġnijiet li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għandhom jikkostitwixxu Marġni Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għall-objettivi ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjieg fost iż-żgħażagħ, u l-migrazzjoni u s-sigurtà.

Fil-bażit finali tal-2019, il-marġni li baqa' disponibbli taħt il-limitu massimu ta' impenji kien jammonta għal EUR 1 291,1 miljun. L-impenji dwar l-Istrumenti speċjali (inkluż l-użu tal-MGI u tal-Marġni ta' kontinġenza) mhumiex ikkunsidrati billi dawn jiġu implimentati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament dwar il-QFP, għall-kalkolu tal-MGI għandu jintuża d-deflatur annwali ta' 2 %. L-ammont tal-marġni li jifdal mill-2019 li għandu jitqiegħed għad-disponibbiltà għall-2020 jikkorrispondi għal EUR 1 316,9 miljun fi prezzijiet kurrenti. L-ammont tal-MGI bil-prezzijiet tal-2011 jikkorrispondi għal EUR 1 101,9 miljun.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkolu tal-MGI 2019:

Il-marġni globali għall-impenji - 2019	
	Miljuni ta' EUR
Limitu massimu AI 2019	164 123,0
Approprjazzjonijiet totali awtorizzati tal-bażit tal-2019	166 189,2
li minnhom strumenti speċjali:	3 357,3
Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea	343,6
Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni	175,7
Ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza	351,5
L-istrument ta' flessibbiltà	1 164,3
Il-marġni ta' kontinġenza	-253,9
MGI mobilizzat fl-2019	1 576,0
Il-marġni globali għall-impenji tal-2019 (prezzijiet kurrenti)	**1 291,1**
Il-marġni globali għall-impenji tal-2019 (prezzijiet tal-2011)	*1 101,9*
MGI disponibbli fl-2020 (prezzijiet kurrenti)	**1 316,9**

Bħalissa għad hemm disponibbli frazzjoni tal-MGI tal-2018 (EUR 1 075,5 miljun fi prezzijiet tal-2020). Id-disponibbiltà ġenerali tal-MGI fl-2020 hija għalhekk ta' EUR 2 392,4 miljun (fi prezzijiet tal-2020).

It-tabella ta’ hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltajiet u l-użu tal-MGI mill-2014 ’il quddiem:

	2014	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**
Il-marġni għall-impenji disponibbli fi tmiem is-sena (ikkonfermat mit-TAJU annwali)	521,9	1 383,2	2 090,2	1 115,5	1 390,9	1 291,1	
MGI annwali disponibbli	**0,0**	**0,0**	**1 953,9**	**3 571,1**	**2 802,4**	**2 894,7**	**2 662,0**
MGI 2014	-	-	*543,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2015	-	-	*1 410,9*	*1 439,1*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2016	-	-	-	*2 132,0*	*1 664,6*	*315,4*	*0,0*
MGI 2017	-	-	-	-	*1 137,8*	*1 160,6*	*0,0*
MGI 2018	-	-	-	-	-	*1 418,7*	*1 345,1*
MGI 2019	-	-	-	-	-	-	*1 316,9*
Użu annwali tal-MGI	**0,0**	**0,0**	**-543,0**	**-1 939,1**	**-1 355,6**	**-1 576,0**	**-269,6**
MGI 2014	-	-	*-543,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2015	-	-	*0,0*	*-1 439,1*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2016	-	-	-	*-500,0*	*-1 355,6*	*-315,4*	*0,0*
MGI 2017	-	-	-	-	*0,0*	*-1 160,6*	*0,0*
MGI 2018	-	-	-	-	-	*-100,0*	*-269,6*
MGI 2019	-	-	-	-	-	-	
MGI li jifdal fi tmiem is-sena	**0,0**	**0,0**	**1 410,9**	**1 632,0**	**1 446,8**	**1 318,7**	**2 392,4**
MGI 2014	-	-	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2015	-	-	*1 410,9*	*0,0*	*0,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2016	-	-	-	*1 632,0*	*309,0*	*0,0*	*0,0*
MGI 2017	-	-	-	-	*1 137,8*	*0,0*	*0,0*
MGI 2018	-	-	-	-	-	*1 318,7*	*1 075,5*
MGI 2019	-	-	-	-	-	-	*1 316,9*